MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 191/2002

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)
(Spettur Nicholas Ciappara)
Vs
Simon Bonett

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data:
a) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
b) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bazi din ir-raza w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-ligijiet

ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv u jew personali tieghu;
c) ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi/jew gewwa centru w jew f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 t'Awissu, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha w ikkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ta' disa' xhur, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz. Ikkundannatu wkoll ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira Maltin fi zmien hames xhur. In oltre ordnat ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta' Malta li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin, kif ukoll li l-imputat ihallas s-somma ta' tlett mija hamsa w disghin lira Maltin u sebgha w tletin centezmu (LM395.37,0) lir-Registratur tal-Qorti fi zmien tlett xhur minn meta jigi hekk interpellat bhala spejjez inkorsi konnessi mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 t'Awissu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta' htija w l-piena ta' disgha xhur prigunerija, mitejn u hamsin lira multa (LM250) u ordni ta' probation, izda tvarjaha billi zzid mal-piena nflitta ordni ta' konfiska ai termini tal-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.
Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor jikkonsitiu filli , fil-waqt li l-Ewwel Qorti gustament , fuq l-ammissjoni tal-akkuzat appellat , sabitu hati tal-akkuzi , meta giet ghall-piena, ddecidiet li ma tordnax il-konfiska tal-assi tieghu kif mitlub mill-Prosekuzzjoni w kif kellha

tassativament taghmel skond l-artikolu 22 (3A) (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta li ma jaghti ebda diskrezzjoni lill-gudikant .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur tal-appellat .

Rat in-Nota tal-appellat tal-21 ta’ Novembru, 2002 u dik responsiva tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Novembru, 2002,

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-ordni Taghha sabiex il-kawza tigi rikjamata ghad-data tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-Avukat Generali appellant qed jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ,ladarba sabet lill-akkuzat appellat hati skond l-akkuzi kif minnu ammessi, ma setghetx ma tapplikax il-piena tal-konfiska tal-assi tieghu , kif tassativament rikjest mill-ligi.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni w fin-nota tal-appellat fuq imsemmija l-abbli difensur argumenta li l-ligi dwar il-konfiska tal-proprjeta’ tal-akkuzat dahlet in vigour fl-1 ta’ Settembru, 1994 u kienet parti mill-ligi dwar il-hasil tal-flus. Illi ghalhekk il-Qorti tista’ tordna biss il-konfiska ta’ dik il-proprjeta’ li giet akkwistata wara li dahlet in vigore l-ligi w mhux ghal dik il-proprjeta’ li kellu qabel dik id-data. Altrimenti jkun hemm l-effett tal-piena retrospettiv ghal meta ligi ma kienx hemm u dan ikun bi vjolazzjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex il-proprjeta’ li kellu qabel dahlet in vigore l-ligi ma tistax tkun soggetta ghaliex fil-mument tal-1 ta’ Settembru, 1994 kienet diga ghandu w ma tistax tkun akkwistata b’reat u soggetta ghal piena tal-konfiska peress illi l-ligi ma kienetx tipprevedi konfiska qabel dik id-data.

Illi l-kontenzjoni tal-appellant Avukat Generali hi li l-artikolu 22 (3A) (d) tal-Kap.101 introdott bl-Att VI tal-1994

jaghmilha cara li f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' reat li jirriferi ghal biegh jew traffikar ta' medicina jew ta' assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga , il-Qorti GHANDHA (emfasi tieghu) , b'zieda ma kull piena ohra, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra w tal-proprjeta' mmobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja, ukoll jekk il-proprjeta' mmobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni. Din hija mizura tassattiva fuq il-Qorti li ghandha f' kull kaz timponiha fuq il-hati. Fin-nuqqas ikun hemm definittivament ksur tal-ligi procedurali w sostantiva. Ghall-ilment fattwali tal-appellat li jghid li kellu karozza Escort Mark 3 numru CAT-303 li ilha registrata fuq ismu mill-1992, depozitu ta' LM500 li hu l-bilanc ta' ammont li tatu ommu fis-sena 1992 u kont iehor bankarju ta' LM21 li kien ilu ghandu minn qabel l-1 ta' Settembru, 1994, il-ligi stess tipprovdi rimedju fl-artikolu 22C li jghid li l-persuna li jkollha oggetti konfiskati skond l-artikolu 22(3A)(d) tista' tibda azzjoni specjali fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-terminu preskritt sabiex tottjeni dikjarazzjoni minn dik il-Qorti li xi proprjeta' mobbli jew immobbli jew flejjes ma ghandhomx provenjenza llecita.

Illi minn ezami tal-artikoli fuq citati , jidher car li l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn proprjeta' akkwistata qabel jew wara l-kommissjoni tar-reat jew qabel jew wara d-dhul fis-sehh tal-emendi tal-1 ta' Settembru, 1994 w “ubi lex non distinguit , ne nos distinguere debemus” . Il-ligi – sejjhilha rigida w drakonjana kemm trid – trid li l-Qorti tassativament taghmel ordni ta' konfiska fuq il-proprjeta' kollha tal-hati , bla ma toqghod tiddistingwi la bejn proprjeta' li gejja minn provenjenza llecita jew le w lanqas bejn proprjeta' akkwistata b'titolu jew iehor , jew fi zmien jew iehor . Ghalhekk jidher li idejn il-Qrati huma marbutin b'din id-dispozizzjoni tassattiva . Hu verament kaz ta' “dura lex , sed lex.” U fil-waqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza l-pozizzjoni tal-appellat , jekk veru kellu jirrizulta li l-ftit proprjeta' li ghandu ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht il-Kap.101, li jkun kostrett li jipprocedi hu biex jikseb dikjarazzjoni li dan hu l-kaz quddiem il-Qorti Civili, sakemm il-ligi tibqa' dik li hi jew ma tigix impunjata din il-Qorti trid tapplikha kif inhi .

Illi l-appellat ma qajjimx din il-kwistjoni bhala kwistjoni kostituzzjonali ta’ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu quddiem din il-Qorti , imma biss bhala argument ghala l-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata. L-argument kien li jekk tigi applikata l-konfiska fuq propjeta’ minnu akkwistata qabel ma dahlu in vigore l-emendi tal-1 ta’ Settembru, 1994, dan imur kontra l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem . Illi dan l-artikolu fis-sub-inciz (1) jipprovdi li “hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’ xi att jew ommissjoni li ma jkunx reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar . “ Is-sub-inciz (2) jghid li “Dan l-artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta’ xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li , fiz-zmien meta jkun sar , kien kriminali skond il-principju generali tal-ligi , rikonoxxut minn-nazzjonijiet civilizzati.”

Illi bir-rispett din il-Qorti ma tarax kif u fejn jiccentra dan l-artikolu , ghaliex meta gew kommessi l-allegati reati ammessi mill-appellat , u cioe’ fl-ahhar sentejn qabel l-4 ta’ Settembru, 1999, kienu gja dahlu fis-sehh l-emendi introdotti bl-Att VI tal-1994 u apparti li r-reati ammessi kien ilhom jezistu minn ferm qabel, anki l-piena kienet fis-sehh meta gew kommessi r-reati . Dan mhux il-kaz ta’ xi att jew ommissjoni li saru qabel ma nholoq reat kriminali jew qabel ma l-piena ghalih giet awmentata . Ghalhekk meta l-appellat ikkommetta r-reati minnu ammessi kien jaf li dawn kienu reati w li ghalihom kienet oltre pieni ohra tapplika wkoll il-konfiska tal-proprjeta’ kollha tieghu , kienet giet akkwistata meta giet akkwistata. Ghalhekk dan l-argument bazat fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni hu ghal kollox infondat .

Illi umbaghad , bir-rispett, il-motivazzjoni li adduciet l-Ewwel Qortri biex ma ghamlitx ordni tal-konfiska u cioe’ il-fatt li l-appellat proprjeta’ mobbli kellu “de minimis” , li hu jbati minn “depression” , li kellu trobbija xejn felici , li kkoopera bis-shih mall-Pulizija, u li f’ dal-kaz tiskatta d-dispozizzjoni tal-art. 29 tal-Kap. 101 valida kemm hi valida biex il-Qorti tapplika piena xierqa , xorta wahda ma

tintitola bl-ebda mod lil xi Qorti li ma tapplikax id-dispozizzjoni tassattiva tal-art. 22(3A)(d) .

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell tal-Avukat Generali huwa fondat u ghalhekk qed tilghu u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fil-parti fejn iddecidiet li ma hix ser tordna l-konfiska tal-beni tal-imputat favur il-Gvern ta' Malta w minnflok tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra w tal-proprjeta' mmobbli kollha tal-appellat a tenur tal-artikolu 22(3A) (d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, b'kull rizerva favur l-appellat tad-drittijiet tieghu skond l-artikolu 22C tal-istess Kap.101 u billi tikkonfermha fir-rigward tal-kumplament kollu taghha. .

--------------------------------TMIEM--------------------------------